**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Avv. Cynthia Tomasuolo**
**Spettur Kylie Borg**

**vs**

**Karmenu Magro**

**Kumpilazzjoni Numru:381/2023**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Karmenu Magro** detentur tal-karta tal-identità numru 0834254M.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli bejn ix-xhur ta' April u Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-età tas-sess il-wiehed jew l-iehor ossia lil Omissis, imwielda omissis;
   *(Art 18/Art 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ta' taht is-sittax (16) il-sena ossia lil Omissis; u aktar talli gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-istess persuna ta' taht is-sittax (16) il-sena ossia lil Omissis; u aktar talli issoggetta lil Omissis ghal xi att, jew imgieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba li ma kienux mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degredanti, u, jew intimidatorji lejha;
   *(Art 18/Art 251A(a)(b)(e) tal-Kap. 8 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. U aktar talli, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
   *(Art 49 Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385

tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur l-imsemmija Omissis u tal-familja taghha;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal- Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati 203(1), 18, 203A, 251A (a)(b)(e) tal-Kapitolu 9, 49 tal-Kapitolu 399, 412C, 383, 384, 385 u 533(1) tal-Kapitolu 9 u 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Stante ammissjoni bikrija u stante li l-imputat ikkoopera mal-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Karmenu Magro hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-

Artikolu 7 u 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u Ordni ta' servizz fil-komunità ghal hamsin (50) siegha li qieghda tifforma parti integrali minn din is-sentenza u ghat-tielet (3) akkuza tikkundannah ghal multa ta' erbat elef ewro (€4,000).

Inoltre l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 38A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin favur il-vittma u liema ordnijiet qeghdin jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li isem l-imputat Karmenu Magro jitqieghed fir-registru ta' persuni mwaqqaf permezz ta' dan l-Att.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk tali ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**